MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 94/2002

**Mariano u Georgina konjugi Camilleri**

**vs**

**LEC Ltd.**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Lulju, 2002 fejn is-socjeta' konvenuta ntalbet thallas l-ammont ta' disa mija u ghaxar lira Maltija (Lm910) in linea ta' penali dovuta ai termini tal-kuntratt ta' bejgh da parti tas-socjeta' konvenuta lill-atturi tal-Flat 4, Ta' Kenuna, Block B, Triq Frangisk Saver Cassar, Nadur, Ghawdex fl-atti tan-Nutar Maria Grima tat-tletin (30) ta' Jannar, 2001 u dana minhabba l-fatt illi s-socjeta' konvenuta naqset li tikkomunika s-sistema tad-drenagg ma' dik pubblika sal-ahhar tas-sena 2001, kif obbligat ruhha li taghmel bis-sahha ta' dak il-kuntratt; u dan ghall-perjodu mill-1 ta'

Jannar sa l-ahhar ta’ Gunju, 2002, u dan salvi u impregudikati penali ulterjuri wara l-1 ta’ Lulju, 2002.

Bl-ispejjez u bl-imghax inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja mibghuta lis-socjeta’ konvenuta fl-14 ta’ Gunju, 2002.

Ra r-risposta pprezentata mis-socjeta’ konvenuta fl-20 ta’ Awissu, 2002 fejn intqal:

1. Illi din il-kawza hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex il-kumpanija gia ghamlet dak li kienet tenuta taghmel bil-kuntratt. Kif jista’ jigi vverifikat is-sistema tad-drenagg tal-korp ta’ bini li minnu l-fond ta’ l-atturi jifforma parti hija kkomunikata mad-drenagg pubbliku izda dan ghadu ma jiffunzjonax. Il-fatt li s-sistema pubblika ma tiffunzjonax certament ma hux attribwibbli ghal xi nuqqas da parti ta’ l-esponenti imma ta’ l-awtoritajiet pubblici.
2. Illi ghalhekk apparti l-fatt li l-esponenti gia ghamlu dak li kienu tenuti jaghmlu bil-kuntratt, l-esponenti ma humiex tenuti jhallsu l-ebda penali kif mitluba u dan in vista tal-principju li “nemo tenetur ab impossibilia”. Anki t-termini tal-kuntratt imsemmi jeskludu r-responsabbilta’ ghall-hlas tal-penali fil-kaz ta’ forza magguri.
3. Is-socjeta’ konvenuta mhux talli hallset sehemha mill-ispejjez sabiex issir din is-sistema ta’ drenagg pubbliku sa minn qabel ma beda x-xoghol ta’ bini kollu, u kkomunikat mieghu, talli repetutament ippruvat taghmel pressjonijiet fuq l-awtoritajiet ikkoncernati sabiex dawn jibdew u jlestu x-xoghol mehtieg. Inoltre din il-kumpanija kienet kostretta sabiex minn butha taghmel fossa sakemm jitlesta d-drenagg pubbliku.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ta’ l-ghoxrin (20) ta’ Gunju ta’ l-elfejn u tnejn (2002).

Ra l-affidavits u semgha x-xhieda ta’ Georgina Camilleri, Emanuel Cini, Frank Haber, Joseph Portelli, l-Ingineer Joseph Bajada, Saviour Ellis, Victor Hili, David Cassar, Johm Mompalao, Dr. Chris Said. Ha konjizzjoni tad-

dokumenti esebiti u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:

1. L-atturi qed jitolbu hlas ta' penali skond kuntratt ta' bejgh tal-fond Flat 4, Ta' Kenuna, Block B, Triq Frangisk Saver Cassar, Nadur, redatt fl-Atti tan-Nutar Maria Grima fit-30 ta' Jannar, 2001.
2. Il-penali tirrigwarda l-perijodu mill-1 ta' Jannar, 2002 sat-30 ta' Gunju, 2002, u dana minhabba li s-socjeta' konvenuta allegatament naqset milli tikkomunika s-sistema tad-drenagg tal-fond tal-atturi mas-sistema pubblika.
3. Is-socjeta' konvenuta qed tghid li l-komunikazzjoni ma kinitx tiddependi minnha, u li ghamlet li setghet.
4. Georgina Camilleri fix-xhieda taghha testwalment tghid: "Ahna … konna nafu li l-medda tad-drenagg tal-blokk u kienet ikkomunikata ma' fossa. Ahna ridna li din il-medda tigi komunikata mas-sistema tad-drenagg pubbliku. L-attrici tkompli tghid hekk: "Konna nafu illi s-sistema tad-drenagg pubbliku ghada ma saritx f'dik it-triq.
5. Il-kuntratt fuq riferit, jistipula fil-Klawsola 21 s-segwenti:

"Il-Kumpanija Venditrici tobbliga ruhha illi sa l-ahhar tas-sena elfejn u wiehed (2001) hija tikkomunika s-sistema tad-drenagg tal-blokk ta' bini illi minnu jifforma parti l-flat relattiv ma' dik pubblika u dan taht penali ta' hames liri Maltin (Lm5) ghal kull gurnata ta' nuqqas, salv forza magguri."

6. Din il-klawsola necessarjament trid tittiehed fil-kuntest illi socjeta' konvenuta kellha taghmel dak kollu li hu necessarju sabiex issir il-komunikazzjoni, bhal ma huma applikazzjoni ghal permessi, u li ssegwi li dan isir, pero' ma setghetx tigi meqjusa responsabbli ghall-affarijiet li jmorru oltre l-mansjonijiet taghha, affarijiet li ma kellha ebda kontroll fuqhom l-istess socjeta', u ghalhekk hemm ukoll il-limitazzjoni kemm il-darba ikun hemm forza magguri.
7. L-attrici kienet xehedet illi dak li kien hemm dwar is-sistema tad-drenagg ma kinitx haga

partikolari ghall-fond taghhom biss. Hija tghid hekk fir-rigward: "Fit-triq hemm sistema ta' drenagg mejta. Ma nafx ghaliex." Hi tispjeta li dan japplika ghad-djar kollha li hemm f'dik it-triq. L-attrici izzid tghid: "Sa fejn nista nghid ma ghad hemm xejn xi jsir mill-kumpanija konvenuta qabel ma ssir il-komunikazzjoni."

8. Dina l-ahhar frasi tal-attrici taghmel hafna sens fid-dawl tax-xhieda mismugha. Ghaliex fil-fatt irrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet hadet hsieb li tapplika ghas-sistema tad-drenagg, u skond ma xehed David Cassar il-MEPA awtorizzat ix-xogholijiet fis-6 ta' Gunju, 2001, PA816 tal-2001.

9. Jirrizulta mix-xhieda ta' Joseph Bajada li kien hemm il-htiega li ssir pumping station gdida. L-ewwel kellha titranga t-triq, u wara ssir il-pumping station. Skond Bajada is-sistema giet tiffunzjona fil-25 ta' Novembru, 2002. ix-xhud testwalment jghid: "….sar l-ahhar taqbida biex, kien tal-qies ta' katusa u nofs, poggejnihom minn Triq Arcipriet Saver Cassar ghal mas-sistema proprja ………" Jirrizulta skond ma xehed l-istess Bajada li Emanuel Cini, direttur tas-socjeta' konvenuta kien ta' spiss icemplilhom biex ilestu x-xogholijiet.

10. Frank Haber li xtara flat ma' genb tal-atturi jikkonferma li kien ghad hemm biss li ssir il-komunikazzjoni: "nafu li l-medda tad-drenagg fil-blokk kienet ikkomunikata u kien jonqos biss li tigi komunikata mas-sistema tad-drenagg pubbliku." Ix-xhud innota li s-sistema ma kinitx tahdem peress li ma kinitx ikkomunikata mal-pompa tal-Gvern. Qal ukoll li meta l-Gvern ghamel il-pompa s-socjeta' konvenuta kkomunikat is-sistema, cioe' bicca katusa zghira, ghax dak kull ma kien jonqos. Qal li dan sar ezattament malli l-Gvern qal li setghu isiru x-xogholijiet.

11. Jirrizulta li l-applikazzjoni ghad-dawl sabiex tithaddem il-pompa saret fid-19 ta' Novembru, 2002 u dana skond ma xehed John Mompalao, Principal Technical Officer.

12. Sar ilment mill-atturi dwar li kien qed jiskula likwidu li kien drenagg. Jirrizulta li s-socjeta' konvenuta mall-ewwel hadet passi fir-rigward, u wara li saru l-verifiki mid-Dipartiment tas-Sahha, rrizulta mid-Dok.

EC2 datat 12 ta' Mejju, 1999 li dak il-likwidu ma kienx drenagg.

13. Mill-provi kollha mismugha jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ghamlet li setghet biex tlesti l-komunikazzjoni. Fil-fatt jirrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet lestiet il-komunikazzjoni, u dak li kien jonqos li jsir kienet il-pompa u l-komunikazzjoni finali ta' katusa zghira. Id-drenagg tal-blokk ma setghax jigi komunikat mas-sistema principali qabel ma ssir il-pompa msemmija, haga li ma kinitx tiddependi mis-socjeta' konvenuta, u haga li s-socjeta' konvenuta ma kellha ebda kontroll fuqha. Anzi jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ghamlet pressjoni mal-Awtoritajiet koncernati biex din issir. Malli l-awtoritajiet lestew ix-xoghol, is-socjeta' attrici mall-ewwel hadet hsieb li tikkomunika mas-sistema principali.

14. Ghalhekk il-fatt li d-drenagg ma kienx gie komunikat ma jistax jigi attribwit lis-socjeta' konvenuta, peress li kien hemm forza magguri, ossija kien hemm cirkostanzi li ma kelliex kontroll fuqhom is-socjeta' konvenuta. Konsegwentement is-socjeta' konvenuta ma ghandha thallas ebda penali.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talba attrici bl-ispejjez konta l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------